MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 202/2005

**Fogg Insurance Agencies limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentenza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Edmond Xuereb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Edmond Xuereb (ID 383278M)**

**Vs**

**Borg John**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1421.14 (elf erba` mija wiehed u ghoxrin Lira Maltin u erbatax-il centezmu) dovuti ghal Danni ikkagunati f'incident stradali li sehh fit-22 ta' Ottubru 2004 gewwa l-Mellieha.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ elf erba` mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1421.14) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Edmond Xuereb assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ elf tliet mija u sitta u disghin Lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1396.14), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Edmond Xuereb in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta’ Ottubru 2004 ghall-habta tas-1.02pm gewwa l-Mellieha, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Edmond Xuereb, bin-numru ta’ registrazzjoni LCI 447 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni EAB 775, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Untours Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Qatar Insurance Co Ltd, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjes billi ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi din il-kollizzjoni tikkoncerna habta li saret fil-Wied tal-Pwales li taghti minn Ghajn Tuffieha ghax-Xemxija. Il-vettura attrici kienet gejja mid-direzzjoni tax-Xemxija lejn Ghajn Tuffieha fil-waqt li dik konvenuta kienet gejja min-

naha ta’ Ghajn Tuffieha fid-direzzjoni opposta biex tikser ghall-Imgarr. Allura l-vetturi kienu qeghdin jinstaqu f’direzzjoni opposta.

Is-sewwieq tal-vettura attrici jallega illi fil-waqt li kien miexi fid-dritta kisritlu l-vettura konvenuta minn faccata tieghu u waqfitlu fil-karregjata tieghu u habtu.

Is-sewwieq tal-vettura konvenuta jallega illi hu kien wieqaf biex tohrog vettura min-naha tal-lemin tieghu fejn ried imur huwa. Giet il-vettura attrici minn faccata b’velocita` qawwija. Ipprova jaghfas il-brejk, pero` xorta baqa’ diehel go fih.

Fix-xhieda moghtija fis-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2006, il-konvenut jallega illi kienet vettura “dues en macchina” li kkagunat din il-habta kien van ta’ terza persuna idjota. Di fatti hu jallega meta gie jikser fuq il-lemin biex jidhol ghad-direzzjoni tal-Imgarr min-naha taz-Zebbiegh huwa waqaf biex jistenna van iehor li ried johrog. Gie l-attur, zamm il-brejk, tkaxkar u baqa’ diehel go fih.

Jigi rilevat zewg punti fuq dan l-imbierek van tat-terza persuna. L-ewwel illi dan il-vann la jissemma mill-attur u wisq anqas mill-konvenut meta tkellem mal-warden dakinhar tal-incident fejn ha d-dettalji ta’ x’gara u ma garax a tempo vergine. It-tieni kif esebit fil-pjanta minnu esebita a fol 9 u 10 tal-process il-van li kien qed jistenna biex johrog gie min-naha li ried imur hu, min-naha taz-Zebbiegh biex jikser lejn il-lemin ghax biex imur lejn il-lemin ghandu via ohra minn fejn kellu jaghddi.

Illi fit-tieni lok id-dritta tat-triq bejn il-vettura konvenuta u tal-van li ried johrog tat-terza persuna injota kien jispetta lill-istess konvenut stante l-konvenut kien qed jitlaq minn triq principali biex jidhol ghall-wahda sekondarja u dan il-van kien wieqaf fuq “stop sign” biex johrog minn speci ta’ “T-Junction” bis-sinjali kollha ghal fuq triq principali. Jigifieri l-konvenut ma kellux ghalfejn joqghod jistenna u jaghti d-dritta lill-van ta’ terza persuna.

Iz-zewg xufiera jaqblu fuq punt illi fil-mument tal-habta il-konvenut kien effettivament wieqaf pero` l-attur jallega illi dana waqaf ghax rah gej u di fatti kien skuntrat u d-daqqa qieghdha min-nofs lejn ix-xellug tal-van mentri id-daqqa tal-attur kienet fuq quddiem fuq il-lemin.

Ir-raguni moghtija ghaliex il-kovenut waqaf hija ukoll differenti. L-attur jallega li waqaf ghax rah gej u allura waqaflu f'nofs it-triq u allura ma setax jevitah anki ancor che ghafas il-brejk mentri l-konvenut jghid illi kien wieqaf ghax kien qed jistenna l-van biex johrog.

Illi rinfacjat b'tali sitwazzjoni u fin-nuqqas ta' testimoni okulari da parti ta' terzi persuni it-Tribunal bil-fors jirrikorri fuq il-versosimilita` o meno tal-versjonijiet. Jista' jkun li z-zewg versjonijiet huma idoneji, pero` kull parti li tkun involuta ghall-ragunijiet ovvji taghti dejjem indikazzjoni biex se mai tigi mghotija r-raguni hija.

Irid jigi rilevat illi l-attur kien qieghed isuq fi triq principali u kien sejjer fid-dritta. Il-konvenut ried jikser id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin u ovvjament jinvadi l-karreggjata tal-attur biex jibqa' tiela' fit-telgha lejn iz-Zebbiegh u ghall-Imgarr. L-indikazzjoni li ried imur hemm hekk hija ndikata billi l-vettura keient skuntrata.

L-iskizz maghmul mill-warden ma hu xejn konfortevoli izda bil-ghajnuna tar-ritratti li gew esebiti mill-partijiet huwa indikattiv il-vetturi kif kienu. Ir-ritratt indikat bhala 5 out of 7 jindika t-triq minn fejn kien gej l-attur u mill-kurva li semma sa fejn saret il-habta hemm distanza ta' aktar minn tlett karozzi zgur jigifieri z-zewg vetturi kellhom il-hin taghhom li jaraw lill-xulxin.

Ir-ritratt 6 minn 7 jindika l-vettura konvenuta kif kienet miksura biex tidhol fid-direzzjoni l-ohra. Huwa ovvju illi d-dritta fit-triq f'dak il-mument kienet tispetta lill-vettura attrici billi l-vettura konvenuta riedet taqsam it-triq u riedet tmur fuq il-lemin. Kellha taqsam u bil-fors taghti precedenza lill-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. L-involviment ta' dan it-terza van li suppost irid johrog minn fejn ried

imur l-attur hija ferm inkwetanti ghaliex jekk titwemmen tezonerah mir-responsabbilta`.

Illi mir-rtratti esebiti huwa lampanti illi l-vetturi kellhom hin bizzejjed biex jiskopru l-ezistenza ta' xulxin. Li gara huwa li l-konvenut kien aktar mohhu biex jibdel id-direzzjoni tieghu biex jigbed lejn l-Imgarr u aktar mohhu f'dan l-allegat van li ried johrog milli kien mohhu fil-vetturi li kienu gejjin minn faccata tieghu. Huwa ovvju illi z-zewg vetturi raw lil xulxin u hadu azzjoni evaziva fl-istess mument cioe illi l-konvenut kien ser jibda' jdur biex imur fit-triq tieghu, ra lill-attur gej u waqaf f'nofs ta' triq mentri l-attur hekk kif ra l-vettura l-ohra gejja ghafas il-brejk bex jieqaf imma l-iehor ossia l-konvenut baqa' sejjer it-triq tieghu u biex jevitah waqaf fin-nofs u allura f'dak il-mument saret il-habta.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Illi rigward il-quantum tad-danni ma gewx kontestati u qed jigu akkordati

It-Tribunal jiddeciedi li fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u wiehed u erbghin lira u erbatax-il centezmu (Lm1,141.14), bl-interessi u spejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------